**IR-RESTAWR TAL-LANTERNA ...** Bil-għajnuna tas-Sinjuri Alfred Polidano, Emanwel Debono, u Pawlu Busuttil, li offrew li jgħinnu senza interessi, ġiet magħluqa l-lanterna ħalli jkun jista' jsir studju aktar dettaljat u jithejja pjan ta' azzjoni. Is-Sur Centurrino reġa' ġie jara u kien tal-fehma li b'effett immedjat għandha titneħħa l-kalamità b'mod temporanju, titqaxxar il-lanterna minn ġewwa u minn barra u l-koppla minn barra, u jinqalgħu it-twieqi. Dan ħalli jiġi evitat kull periklu ta' ġebel li jaqa' mill-lanterna għal taħt, b'mod speċjali fuq l-altar u madwaru, u wkoll biex naċċertaw ruħna dwar fejn qegħdin il-ħsarat prinċipali.

Thejja wkoll materjal - ritratti u rapporti - biex ikunu jistgħu jitressqu l-applikazzjoni formali lill-Awtorità tal-Ippjanar u r-rikors lill-Kurja ħalli nġibu l-permessi sabiex ikunu jistgħu jitwettwu ix-xogħolijiet meħtieġa ta' konservazzjoni u restawr.

Sadanittant il-Kunsill Lokali, fuq talba u l-approvazzjoni tiegħi u tal-Kurja, f'Novembru 2019 ressaq applikazzjoni ħalli possibilment inkunu nistgħu nibbenefikaw fl-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi mnhedija minn *Gal Xlokk*. Min-naħa tiegħi tlabt għajnuna wkoll lill-*APS Bank* biex jisponsorja parti minn dan ir-restawr.

Biss b'din l-għajnuna finanzjarja żgur li mhux ser inkunu nistgħu inkopru l-ispejjeż kollha li biċċa xogħol bħal din tirrikjedi: xkatlar, bdil ta' ġebel, tikħil, żebgħa fuq barra, u żebgħa u nduratura mill-ġdid fuq ġewwa, u dawra lit-twieqi u l-ħġieġ tagħhom biex inaqsu l-impatt dirett tax-xemx fuq l-intern tal-lanterna u l-koppla.

Għaldaqstant qed nirrikorri lejkom sabiex tagħtu sehemkom, b'mod speċjali b'donazzjonijiet finanzjarji u waqt li nirringrazzja lil min diġa ta, inħeġġeġ lil min għadu ma tax biex ma jibqax lura. Għalhekk nibqa' nappella u nistieden lil kull parruċċan biex japprezza u jikkontribwixxi finanzjarjament biex inkomplu ntaffu l-ispejjeż relatati ma' dan il-proġett prinċipali u tant bżonnjuż.





# PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IFIRĦU BIT-TAMA - Rum. 12:12

**'Tibżax, għax jien it-Tama'**
Darba kien hemm 4 xemgħat jixegħlu bil-mod il-mod. Tant kien hemm kwiet fil-kamra fejn kienu qed jagħtu d-dawl li kont tista' tismagħhom jitkellmu. L-ewwel xemgħa qalet: *'Jien il-Paċi imma daż-żmien, ħadd ma jrid iżommni ħajja.'* Kompliet tixgħel għal ftit u ntfiet. It-tieni xemgħa qalet: *'Jien il-Fidi imma daż-żmien, in-nies jaħsbu li jistgħu jgħaddu mingħajri.'* Kompliet tixgħel għal ftit u ntfiet. It-tielet xemgħa qalet: *'Jien l-Imħabba imma m'għandix saħħa nibqa' nixgħel. In-nies qed iwarrbuni u mhumiex jifhmu kemm jien importanti. Xi drabi jinsew iħobbu anke lil dawk ta' madwarhom.'* U t-tielet xemgħa ntfiet minnufih. Tfajjel ċkejken daħal fil-kamra u sab it-tliet xemgħat mitfija. Imbikkem, qalilhom: *'Għalfejn intfejtu? Intom suppost tibqgħu tixegħlu għal dejjem.'* Ir-raba' xemgħa, li kienet għadha tixgħel, sejħet bil-mod lit-tifel u qaltlu: *'Tibżax, għax jien it-Tama, u dment li jien nibqa' nixgħel, inkunu nistgħu nixegħlu lit-tlieta l-oħra.'* Bi tbissima fuq wiċċu, it-tfajjel qabad ix-xemgħa tat-Tama u reġa' xegħel lit-tlieta l-oħra.

**Min jgħix bit-tama ...**
Għan-Nisrani, it-tama mhijiex xi ħaġa li sempliċiment kapaċi żżommilna l-moral għoli, jew xi sens ta' ottimiżmu li mingħajru nispiċċaw biex naqgħu f'bir ta' dwejjaq bla qiegħ, speċjalment meta kollox jibda jidher ġej kontra. Hija ħafna aktar minnhekk. U dan għax hija virtù.

It-Tama hi virtù li ma tidhirx, għax taħdem fil-moħbi. Għaldaqstant għandha tkun in-nifs tan-Nisrani għax tagħtina sigurtà u ma tqarraqx bina. Għan-Nisrani, li jemmen li t-tbatija ta' issa m'għandha xejn x'taqsam mal-glorja li għad trid tidher fina (ara Rum. 8, 18), il-qawl *'Min jgħix bit-tama jmut bil-piena'* m'għandux ikun parti mill-kredu tiegħu! Le, in-Nisrani ma jmutx bil-piena għax Ġesù *"jibqa' jżomm kelmtu, għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu."* (2 Tim. 2, 13). It-tama hija t-tweġiba għax-xewqa li Alla poġġa f'qalbna li nkunu tassew ferħanin; tgħinna għalhekk inpoġġu l-fiduċja sħiħa tagħna f'Alla. Hija tiftħilna qalbna aħna u nistennew l-hena u l-ferħ ta' dejjem filwaqt li tħarisna mill-qtiegħ il-qalb u tqawwina fid-djugħfija tagħna.

**It-Tama hija Kristu u l-għaqda sħiħa miegħu**
U għax it-Tama hija tassew ħajja, għalina l-insara din għandha tfisser Kristu Ġesù u x-xewqa li nkunu miegħu. Għal San Pawl, li tiegħu nfakkru l-konverżjoni dan ix-xahar, it-tama hija persuna, Kristu nnifsu: f'kitbiet minn tiegħu sikwit insibu x-xewqa kbira li hu jkun ma' Ġesù. U fl-ittra tiegħu lir-Rumani 4, 18, San Pawl joffrilna lil Abraham bħala mudell għax dan *meta ma kellu ebda tama, ittama u emmen.* Min-naħa l-oħra, il-Papa San Ġwanni Pawlu II jippreżenta lil Marija bħala l-mudell ta' din il-virtù.

Bħal Abraham, lilha wkoll saritilha wegħda li kienet impossibbli sseħħ b'mod uman; imma Marija fetħet qalbha għal Alla u ħallietu jmexxiha.

**Biex nissaħħu fit-tama Nisranija**
L-għadu tat-tama huwa l-qtigħ il-qalb, arma qawwija f'idejn ix-xitan. Il-biża' u l-qtigħ il-qalb iġiegħeluna nieħdu deċiżjonijiet żbaljati. L-iskuraġġiment jisirqilna wkoll il-paċi tal-qalb għax ma jħalliniex naraw il-qawwa ta' Alla li tkun qed taħdem fina u bil-mod il-mod, jikolna minn ġewwa. Allura x'nistgħu nagħmlu biex inżommu 'l bogħod minna l-qtigħ il-qalb filwaqt li nissaħħu fit-tama Nisranija?

Tkun ħaġa tajba li filgħodu, hekk kif niftħu għajnejja, ngħidu mqar talba lil Alla. Hekk, inkunu daħħalnieh mill-ewwel fil-jum tagħna. Tajjeb ukoll li nsiru aktar midħla tal-kelma ta' Alla sabiex meta l-qtigħ il-qalb jibda juri snienu, inkunu kapaċi nieqfulu billi nġeddu kull ħin l-offerta ta' ħajjitna u nafdawha f'idejn Alla. Il-familjarità mal-Kelma tgħinna saħansitra ssaħħaħ fina t-tama li dak kollu li Alla wegħidna, iseħħ, u għalhekk, minflok il-qtigħ il-qalb, bil-mod il-mod tikber fina fiduċja qawwija f'Alla li dejjem iżomm kelmtu u li kapaċi jagħmel għeġubijiet fina u għalina biss jekk aħna nħalluh.

## ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
## Ħal Safi - Jannar 2020

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 1 ta' Jannar | **Bidu ta' Sena Ġdida - Solennità ta' Marija Omm Alla**<br>Il-Quddies: AM - Fis-6:45am; fid-9:00am; u fl-10:30am;<br>PM - Fil-5:30pm. |
| Il-Ġimgħa 3 ta' Jannar | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>AM - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>PM - Fis-6:30pm - Quddiesa; u fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Is-Sibt 4 ta' Jannar | Fis-7:30pm - Kunċert tal-Milied mill-Kor 'Sine Macula'<br>u s-Safi Drama Group fil-Knisja Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 5 ta' Jannar | **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**<br>Fid-9:00am - Quddiesa bil-miġja tas-Slaten Maġi. |
| Il-Ħadd 12 ta' Jannar | **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija. |
| Il-Ħamis 16 ta' Jannar | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju. |
| Is-Sibt 18 ta' Jannar | Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara. |
| Is-Sibt 25 ta' Jannar | **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu**<br>Fil-5:30pm - Rużarju;<br>Fis-6:00pm - L-Għasar (It-Talb ta' Filgħaxija) u wara l-Barka Sagramentali;<br>Fis-6:30pm - Quddiesa solenni mmexxija minn Dun Victor Scicluna, Kappillan tal-Parroċċa ta' S. Girgor, Ta' Sliema, u ex-Kappillan ta' Ħal Safi (1989-1995), li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona.<br>• *F'din iċ-ċelebrazzjoni, il-Mużika u l-Kor 'Sine Macula' jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.*<br>Fit-8:00pm - Il-Banda San Pawl issellem l-istatwa ta' S. Pawl fuq iz-zuntier bl-innijiet prinċipali u xi marċi.<br>*Dan dejjem jekk l-ajru jkun jippermetti.* |







***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Tyler Baldacchino

***Nitolbu għalih!***





**TAJJEB LI TKUN TAF**

# IR-RESTAWR TAL-LANTERNA TAL-KNISJA PARROKKJALI

Matul dawn is-snin li ilni fostkom, bdejt ninnota li kien qed ikun hemm xi ftit frak ta' tikħil u ġebel fuq l-altar u l-presbiterju. U waqt li kont nerfa' ħarsti 'l fuq u nipprova nara, kont nistaqsi: *"Imma dan minn fejn qed jiġi eżatt?"* Il-koppla ma kienx jidher li hemm xi ħsara partikulari minn ġewwa, imma l-lanterna, kemm b'għajnejja u wisq iżjed b'xi ritratti biz-*zoom* li ħadna minn isfel, kont qed nara li xi żebgħa u tikħil kienu qed imorru. U aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar kont ninnota trab u li xi pilastri minn tal-lanterna kienu qed jidhru li għandhom xi ġebel li beda jitmermer u jfarfar.

Qabel il-festa tas-sena li għaddiet (2019) tlabt lil xi nies biex jiġu jispezzjonaw u jagħtuni xi stimi li telgħu bejn € 25,000 u 35,000. Tlabt ukoll lis-Sur Innocent jew magħruf aktar bħala Vince Centurrino, sabiex jiġi, jara, jagħtina l-pariri tiegħu, u jiktbilna rapport.

Biss hu dejjem talabni li jkun jista' jara l-lanterna mill-qrib. B'hekk, wara l-festa, tlajna flimkien u wara li dorna ma' barra tal-lanterna u ttawwalna fuq ġewwa, bdejna ninnutaw li kien hemm xi ġebel tal-pilastri li beda jitfarrak sewwa. Iddokumentajna kollox bir-ritratti.

Indunajna li din il-ħsara kienet qed tiġi ikkawżata minn diversi fatturi, b'mod speċjali minħabba li l-ħadida tal-kalamità li kienet imwaħħla fuq wara tal-gwarniċun estern fejn jitla' għall-iskutella tal-lanterna, bir-riħ kienet qed taqsam il-ġebel u minn hemm imbagħad kien beda jidħol xi ilma tax-xita mal-fili għal ġewwa u dan jibqa' nieżel sa' isfel. It-taħlita tal-elementi naturali: ir-riħ, il-kesħa, in-nida, u l-ilma tax-xita, u s-sħana li tiġi min-nifsijiet u minn xi xemgħa, saħansitra fix-xitwa, u s-sħana qawwija fis-sajf, ħolqu klima ta' estremi li lill-ġebla għenuha titmermer fi żmien qasir. *... ikompli paġna 4*

